# It-truf jiltaħqu

Kien filgħaxija, ftit qabel inżul ix-xemx. Wara jum xogħol fuq il-kotba ħriġt biex nagħmel mixja qasira u hekk inserraħ ftit rasi u nħaddem ftit ġismi. L-arja kienet ħiemda u fietla. L-aħħar dija tax-xemx kienet titnikker fuq l-għelieqi sofor tax-xgħir li laħaq għall-ħsad. Xi ħaddiema kienu reġgħin lejn id-dar.

Kont miexi b'mixja ħafifa, nħares bla ma naħseb. F'daqqa waħda tgħaddi minn ħdejja ħafifa bħar-riħ *motor* żgħira bi tnejn min-nies ġo fiha. Bla ma ridt ħarist lejha. Rajtha tnaqqas il-ġiri, tieqaf, u minnha joħorġu raġel u mara. Ġratilhom xi ħsara ?

Kienu ingliżi. Il-mara kienet żagħżugħa, sabiħa, xofftejn qrollin, liebsa qasir u ħafif u b'maktur aħmar f'rasha marbut taħt geddumha. Id-dehra xejn ma laqtitni. Nisa bħal dawn illum hawn ħafna. Iżda laqatni dak li rajt wara. Mara tar-raħal bil-maktur f'rasha, bil-kmiem imxammrin sa minkbejha, ħafja, kienet ġejja mill-għalqa. Xħin waslet ħdejn il-mara ingliża, li kienet wieqfa ħdejn il-*motor*, ħarset lejha, ħarsu lejn xulxin, donnhom stagħġbu b'xulxin.

Bqajt miexi u naħseb. Żewġ nisa, li fil-ħajja tagħhom xejn ma jaqblu ma' xulxin, ltaqgħu wiċċ-imb-wiċċ, ħarsu lejn xulxin, stagħġbu b'xulxin bla ma ntebħu kemm kienu jixxiebħu fi lbieshom. It-tnein kienu bil-maktur f'rashom, it-tnejn b'dirgħajhom mikxufiin, It-tnejn b'saqajhom għerjin għalkemm waħda kellha qorq abjad sabiħ f'riġlejha u l-oħra kienet ħafja. Għaliex stagħġbu ?.. .... Għax raw il-lbies tagħhom jew il-moda tagħhom fuq nies ta' qatgħa oħra ? Ħasset ruħha mkabbra l-mara tar-raba tara mara ingliża sabiħa b'rasha mistura fil-maktur bħalha ? Jew ħasset ruħha mniggża l-mara ingliża tara mara tar-raba' tisraq l-aħħar moda tal-maktur tar-ras u tiżżejjen bih bħalha ?

Ma nafx x'kienu jaħsbu dawk iż-żewġ nisa, li forsi ma ħasbu xejn, imma jien ġieni f'rasi dal-ħsieb: Kemm hu minnu li t-truf jilħqu 'l xulxin ! Dawk iż-zewġ nisa kienu fiż-żewġt itruf tas-sensiela li huma midmumin fiha l-bnedmin kollha. Waħda ġejja mix-xogħol, l-oħra tiġri f'karrozza; waħda mikduda mill-ħsebijiet tad-dar, l-oħra bla ebda ħsieb li jkidd ir-ruħ; waħda liebsa mdendel, l-oħra liebsa sabiħ, waħda maħruġa bix-xemx, l-oħra tarja bħal xitla tad-dell. Imma d-dinja, donnha biex tidħak bil-bniedem, xħin jidhrilha, iddawwar dawra s-sensiela li ddomm il-bnedmin u ż-żewġt itruf, li qabel kienu mbegħdin li ma jarawx 'l xulxin, issa resqu ma' xulxin, messu wieħed mal-ieħor . . . . u l-mara sabiħa bil-maktur f'rasha ġiet wiċċ ma' wiċċ mal-mara tar-raba hi wkoll bil-maktur f'rasha,

S